# Mro. Antonio Miruzzi (1867 – 1944)

Mija u ħamsin sena minn twelidu




Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: M’hawnx banda waħda f’Malta u Għawdex li xi darba jew oħra ma daqqitx xi marċ funebri minn ta’ Mro. Antonio Miruzzi. Lanqas m’hawn bandist wieħed li qatt ma daqq xi innu, kbir jew żgħir, minn tiegħu mal-banda tal-post jew xi banda oħra. Xi baned fosthom, ‘La Valette’ (Valletta), ‘Leone’ (Victoria, Għawdex), ‘La Vincitrice’ (Isla), ‘San Ġorġ’ (Bormla), Nicolò Isouard (Mosta), Sta. Marija (Mosta), ‘I Cavalieri di Malta’ (Sliema), ‘San Ġużepp’ (Ħamrun),’San Piju X’ (Lija), ‘Sant’ Andrija’ (Ħal Luqa), u ‘Beland’ (Żejtun), saħansitra kellhom ix-xorti li jiksbu s-servizz professjonali tiegħu f’xi żmien bejn l-aħħar deċennju tas-seklu dsatax u l-bidu tat-tletinijiet tas-seklu li għadda. Għaladqastant, qed nikteb dan l-artiklu proprju biex infakkar il-150 sena mit-twelid ta’ dal-kompożitur prolifiku Malti li ta ħajtu kollha għall-mużika.

Kliem muftieħ: Mro. Antonio Miruzzi, University of Malta Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Soċjetà Filarmonica ‘San Ġorġ (Bormla), Soċjetà Mużikali San Ġużepp (Ħamrun), Soċjetà Filarmonika La Vincitrice (Isla), Soċjetà Filarmonica ‘San Piju X’ (Lija), Għaqda Mużikali ‘Sant’ Andrija’ (Luqa), Soċjetà Mużikali Nicolò Isouard (Mosta), Soċjetà Filarmonika Santa Marija (Mosta), Soċjetà Filarmonica Nazionale ‘La Valette’ (Valletta), Soċjetà Mużikali u Filarmonica ‘Leone’ (Victoria, Għawdex), Għaqda Mużikali ‘Beland’ (Żejtun)



Mro. Miruzzi f'età żagħżugħa

Ħajja u mpjieġ: **Mro. Antonio Miruzzi** twieled il-Furjana fl-10 ta’ Ottubru 1867 minn Ġużeppi u Mikelina, imwielda Brincat. Ta’ età żgħira tilef lill-ġenituri tiegħu u t-tfajjel iltim sab ruħu f’orfanatrofju ġewwa l-Belt Valletta[1]. Kien hawnhekk fejn d-direttur tal-Orfni ntebaħ li l-ġuvnott kien jipprometti ħafna fil-mużika, tant li, fl-1884 intbagħat jistudjaha f’xi konservatorju l-Italja meta kellu biss sbatax-il sena. Wara li temm l-istudji tiegħu ried jagħmel bħal zijuh, Mro. Paolo Miruzzi, u jimbarka bħala mużikant fuq wieħed mill-ħafna vapuri navali li kienu jsalpaw minn u lejn Malta. Iżda dan il-ħsieb tiegħu ma rnexxiex. Sadattant, huwa żżewweġ lil Konċetta, imwielda Cauchi, u li minnha eventwalment kellu tlitt ulied. Madankollu, huwa xorta waħda baqa’ mwebbel li jagħmel karriera fil-mużika barra minn xtutna, u fuq talba tal-Maltin ta’ Tuneż tela’ bilġri flimkien ma’ martu biex iwaqqfilhom banda bl-isem ta’ *(Filarmonica) Melitensis La Valette* li għal xi żmien kienet



L-Orkestra Mandolinistika ‘La Valette’ fi ħdan is-Soċjetà beltija li ġġib l-istess isem imwaqqfa fl-1897

[1] Fl-1917, jiġifieri meta kellu ħamsin sena, kellu jerġa’ jsib ruħu hemmhekk, imma did-darba bħala direttur tal-Orfni. (Mro. Michael Chircop: Tifkira tas-Surmast A. Miruzzi. In-Nazzjon Tagħna 26.1.72)

diretta minnu. Iżda, f'sitt snin li damu hemmhekk, martu ma setgħet tidra b'xejn u l-koppja kellhom jinżlu lura Malta, did-darba għal dejjem.

Fil-frattemp, hawn Malta, Mro. Miruzzi ried jara kif jagħmel biex isib xogħol bi qligħ fil-mużika peress li issa kien miżżewwġ u t-tfal bdew ġejjin. Forsi l-ewwel impjieg tiegħu ġie fl-1890 meta nħatar bħala *Maestro Istruttore* tal-allievi fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika Nazzjonali 'La Valette' bis-salarju ta' lira fix-xahar. Fl-istess sena wkoll, huwa laħaq surmast-direttur tal-Banda Sengleana, 'La Vincitrice', u l-oħra Għawdxija, 'Leone'. Fil-bidu tal-karriera mużikali tiegħu, jiġifieri fl-1897, kellu wkoll taħt idejh l-Orkestra Mandolinistika, 'La Valette' u ta' dan kien żdied lira fis-salarju tiegħu bħala surmast bl-obbligu li jgħallem lill-allievi, li jirranġa l-biċċiet tal-mużika li jkun hemm bżonn, u li jagħmel żewġ kunċerti (provi) fil-ġimgħa.


Mro. Miruzzi ta' mezza età

Fl-1894 telaq minn ma' daż-żewġ baned biex ħa f'idejh il-Banda Mostija, 'Nicolò Isouard'. Ma' dil-banda huwa baqa' sal-1909. Aktarx ukoll li, ma' dil-banda kiteb l-ewwel minn sensiela ta' innijiet solenni għal vuċijiet soli, kor, u banda. Fl-1899 kien diġà qed jikseb fama fit-tagħlim, id-direzzjoni, u l-kompożizzjoni tant li, fl-istess sena laħaq surmast-direttur tal-Banda Beltija, 'La Valette', dik Slimiża, 'I Cavalieri di Malta' (li kienet ġiet imwaqqfa fl-1886, u xoljiet fl-1902), u l-oħra Ħamruniża, 'San Ġużepp', li kien għadha kemm twaqqfet għaxar snin qabel. Sena wara, ipprova jieħu wkoll il-banda l-oħra Mostija, 'Sta. Marija', iżda minħabba xi piki li kienu ta' sikwit jinqalgħu bejn iż-żewġ baned rivali, din kellha xxolji fl-1906. Mhux faċli li, wieħed jifhem x'kien qed jagħmel Mro. Miruzzi ma' dil-banda meta f'idejh kellu diġà l-oħra fl-istess raħal. Aktar tard imbagħad, huwa ħa taħt idejh aktar baned fosthom, dik Bormliża, 'San Ġorġ fl-1905, dik Lijana, 'San Piju X' sena wara, kif ukoll il-Banda tal-Orfni tal-Gvern fl-1910.

Matul it-tieni deċennju tas-seklu l-ieħor, Miruzzi ħa aktar baned filwaqt li waqaf minn oħrajn. Fost il-baned il-ġodda li ħa nsibu dik Luqija, 'Sant' Andrija' fl-1914, u l-oħra Żejtunija, 'Beland' fl-1919. Huwa ħalla l-ewwel banda fl-1922, dik Lijana erba' snin wara, u dik Ħamuniża fl-aħħar ta' Settembru tal-1928, fejn imbagħad għadda l-bakketta lil Mro. Willie Attard li sa dak iż-żmien kien l-assistent tiegħu. Fl-1932, Miruzzi rtira mid-direzzjoni fl-età ta' 65 sena fuq parir ta' uliedu stess minħabba raġunijiet ta' saħħa. Fl-aħħar kunċert li dderieġa mal-Banda 'Beland' huwa għadda l-bakketta lis-suċċessur tiegħu s-Surmast Carmelo Scicluna fost il-kommozzjoni kbira tal-kumitat, tal-bandisti u tal-ammiraturi kollha.'[2]


Mro. Miruzzi f'età avvanzata

Minkejja li kien irtirat, Miruzzi baqa' jikkomponi xorta waħda tant li, fl-1933 insibu li irregala marċ lill-Banda 'San Ġużepp' tal-Ħamrun biex jiżżanżan fil-festa ta' San Gejtanu. Huwa baqa' jirregala marċ brijuż kull sena lill-stess banda għall-festa titulari. Bħala kompożitur wkoll, huwa baqa' jesperimenta sal-aħħar bi stili mużikali differenti skont kif kienet tiddetta l-arti ta' żmienu. Mhux talli hekk, talli sa sena qabel miet kien ġa beda jaħdem fuq opra.[3] Miruzzi miet nhar it-23 ta' Ottubru 1944 fil-Ħamrun stess u sarlu funeral kbir li fih attendew rappreżentanti ta' diversi għaqdiet mużikali li lkoll ġew biex jagħtu l-aħħar tislima lil dal-kompożitur prolifiku Malti li ta ħajtu għall-mużika.

Miruzzi kellu karattru dħuli u manjieri senjorili, iżda waqt il-provi u/jew l-esekuzzjonijiet kien juża ħafna

---

[2] Joseph Mifsud Matrenza: Ktieb Festa San Gejtanu 1994 (Soċjetà Mużikali San Ġużepp) pġ. 247.

[3] Ara artiklu ta' Mro. Michael Chircop li kien deher fil-gazzetta 'In-Nazzjon Tagħna' tas-26 ta' Jannar 1972, liema tagħrif kisbu minn intervista li huwa kien għamel lil bint is-Surmast Antonio Miruzzi.

dixxiplina. Iżda, il-bandisti xorta waħda kienu jammirawh ħafna għall-mod ta' kif kien jgħallem, għad-direzzjoni impekkabbli tiegħu, u għal ħafna xogħlijiet, kbar u żgħar, li ħarġu mill-pinna prolifika tiegħu. Ħafna minn xogħlijietu għadhom jindaqqu sal-ġurnata tal-lum, u oħrajn jinsabu merfugħin b'għożża kbira fl-arkivji ta' dawk il-baned kollha li kien magħhom.

Għeluq: Dal-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Misidjani: (a) fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' San Ġużepp li qed tiġi ċċelebrata ġewwa l-Imsida; (b) fl-okkażjoni tal-150 mit-twelid ta' Mro. Antonio Miruzzi (1867-1944); u (ċ) fl-okkażjoni ta' għeluq it-30 sena tiegħi bħala għalliem tal-mużika fi skejjel statali u indipendenti (1987-2008), u lettur, illum anzjan, fil-*University of Malta Junior College* sa mill-1999.

Aktar artikli mill-istess awtur dwar ħajjet u ħidmet is-surmast Antonio Miruzzi, jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)